Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru 170/2009

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Philip Mario Chircop

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 134578M akkuzat talli:

a. fl- 20 ta’ Novembru 2004, ghall-habta ta’ 11:35hrs, minn gewwa Triq Ninu Cremona, Rahal il-Gdid ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBA183 tat-tip Lada, liema serq huwa aggravat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centenzmu (232.94)

izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.97), u dang had-detriment ta’ Luigi Zammit u/jew persuni ohra;

b. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetejt serq ta’ senter tad-ditta Browrigg kif ukoll munizzjon ta’ skratac minn go vettura numru IBA 183 tat-tip Lada, liema serq huwa aggravat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centenzmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.97), u dang had-detriment ta’ Luigi Zammit u/jew persuni ohra;

c. fl- 20 ta’ Novembru 2004 u fil-granet ta’ wara, f’dawn il-gzejjer, zammejt f’xi fond jew kellek fil-pussess tieghek, taht kontroll tieghek jew garrejt barra minn xi fond , xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellek that l-istess Att;

d. aktar talli rendejt ruhek recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta wara li gejt misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Waqt li minn banda l-fedina penali tal-imputat hi dik li hi, mill-banda l-ohra hemm certifikat tajjeb hafna mill-ufficjali tal-probation u l-Avukat Dottor Brincat li t-tnejn xehdu fil-kawza. Jirrisulta wkoll li l-imputat ghamel programm ta’

rijabilitazzjoni gewwa l-agenzija Sedqa li temm b'success tali li mhux biss qabad  it-triq it-tajba izda ippersista fiha.

Issa fil-waqt li l-provi huma probanti biex jippruvaw l-htija tal-imputat limitatament però ghaz-zewg serqiet li hu akkuzat bihom u r-recidiva, mhux daqstant fir-rigward l-akkuza referibbli l-arma tan-nar.

Issibu ghalhekk hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza.

Rat l-Artikolu 216 (b), 279 (a), 49 u 50 tal-Kap 9 u fic-cirkostanzi u n-vista tal-verbal tal-lum tpoggih taht ordni ta probation bl-appikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------